**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Thomas Camilleri**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-Ufficjal Prosekutur tat-30 ta' Lulju 2021 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-imputat tal-24 ta' Mejju 2021, tordna l-arrest mill-gdid tieghu, kif ukoll tordna li l-garanzija personali [sic] tghaddi favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 et tal-Kodici Kriminali.

2. Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni rigward dan ir-rikors, u rat id-dokumenti kollha ezebiti, u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri fir-rigward.

3. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2021 rigward dan ir-rikors.

4. Rat li ghalkemm f'dik is-seduta id-difiza kienet obbligat ruhha li sas-seduta sussegwenti tipprezenta kopja tas-sentenza moghtija kontra l-imputat minn din il-Qorti diversament preseduta, li irrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-imputat f'dawn il-proceduri, id-difiza ipprezentat din is-sentenza permezz ta' nota fis-16 t'April 2022.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Dan id-digriet huwa limitat ghar-rikors tal-Prosekuzzjoni tat-30 ta' Lulju 2021, ghar-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat ma kienx qed josserva l-kundizzjoni imposta f'dan id-digriet li huwa kellu jiffirma kuljum gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tas-Sliema. Ghalkemm f'dan ir-rikors jinghad li l-imputat naqas li jiffirma tmien (8) darbiet, fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Godwin Scerri qal li wara li huwa ntavola dan ir-rikors, kien hemm granet ohra fejn l-imputat ma marx jiffirma, li b'kollox jammontaw ghal wiehed u ghoxrin (21) darba, minghajr ma l-imputat ipprezenta xi dokumentazzjoni li tista' tiskuzah ghal dan in-nuqqas tieghu.[1]

6. Mill-provi prodotti jirrizulta illi bhala parti mill-prekawzjonijiet kontra t-tixrid tal-pandemija tal-Covid 19, il-Korp tal-Pulizija kien qed isegwi procedura fejn meta l-imputat jirraporta l-Ghassa, minflok jiffirma hu fizikament il-bail book tieghu, bhala prova tal-attendenza tieghu, l-ufficjal tal-Pulizija jikkonferma l-identita tieghu u jkun dan l-istess ufficjal tal-Pulizija li jikteb fil-bail book li l-imputat irrapporta l-Ghassa. Meta jiskadi l-hin li fih l-imputat ikun obbligat li jiffirma, ufficjal tal-Pulizija jiddikjara dan il-fatt fuq il-bail book u jinforma lill-Ufficjal Prosekutur b'dan permezz ta' email. Din hi l-procedura li giet segwita fil-kaz odjern, u l-ufficjali tal-Pulizija involuti telghu jixhdu quddiem din il-Qorti.

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Godwin Scerri a fol. 217 *et seq.* tal-process.

7. Id-difiza ghazlet li ma ttellax provi. In succint l-argument tad-difiza huwa li din il-procedura li l-imputat semplicement jattendi l-ghassa u mbaghad ufficjal tal-pulizija jiffirma li l-imputat attenda l-ghassa hija sistema monka, ghax dejjem hemm dubbju ragonevoli li anke minhabba pressjoni ta’ xoghol, ufficjal tal-pulizija jinsa’ li jikteb li l-imputat attenda l-ghassa, u ma hemm l-ebda struttura li biha jistghu jigu ikkontrolati abbuzi.

8. Pero, l-argument tad-difiza huwa ibbazat fuq il-premessa zbaljata li l-kundizzjoni imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest hija li l-imputat ghandu jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija. Effettivament id-digriet tal-helsien mill-arrest in kwistjoni ma jghidx hekk. Klawsola 5 tad-digriet tghid testwalment hekk:

   *“li tirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Sliema kuljum … …”*

9. L-obbligu li jirrapporta l-Ghassa tal-Pulizija ma jfissirx necessarjament li sabiex jissodisfa dan l-obbligu l-imputat huwa obbligat ukoll li jiffirma xi ktieb fl-Ghassa li attenda. Ovvjament, il-fatt li imputat jiffirma l-Ghassa quddiem ufficjal tal-Pulizija hija l-aqwa prova li huwa irraporta l-Ghassa. Pero dan ma jfissirx li jekk imputat ma jiffirmax l-Ghassa, il-fatt li huwa irrapporta l-Ghassa ma jistghax jigi ippruvat b’mezzi ohra, inkluz bil-procedura adottata mill-Pulizija fiz-zmien in kwistjoni, ghal kuntrarju ta’ dak li qed targumenta d-difiza.

10. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat irregistra l-oggezzjoni tieghu ghal din il-procedura mal-Pulizija, u wisq inqas ma gab dan il-fatt a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, kif kien fl-interess tieghu li jaghmel, jekk verament kien jemmen li b’dan il-mod kien qed jigi mgieghel ma josservax wahda mill-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest u/jew li seta’ jkun hemm lok ghal zbalji u/jew ghal abbuzi.

11. Il-verita hi kif diga inghad, li l-obbligu skond id-digriet de quo mhux li jiffirma l-Ghassa, imma li jirrapporta l-Ghassa, u l-procedura adottata mill-Pulizija li jkun Pulizija li jirregistra dan il-fatt fil-bail book hija wahda konformi ma’ din il-kondizzjoni. Kien ukoll

fl-interess tal-imputat li ma jitlaqx mill-Ghassa qabel ma jassigura ruhu li l-ufficjal tal-pulizija ikun effettivament irregistra dan il-fatt fil-bail book tieghu.

12. Dato ma non concesso li jista' kien hemm xi zball uman f'xi wahda mid-dikjarazzjonijiet tal-Pulizija li l-imputat ma rrapportax l-Ghassa, mill-provi ma jirrizultax li l-imputat ma irraportax l-Ghassa f'okkazjoni wahda biss. Kieku dan kien il-kaz, din il-Qorti ma teskludix li setghet tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, li seta' sar xi zball uman. Mill-provi jirrizulta li l-imputat ma irraportax l-Ghassa wiehed u ghoxrin (21) darba. Fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, certament mhux verosimili li sar zball uman wiehed u ghoxrin (21) darba. Fit-trattazzjoni, id-difiza lanqas biss accennat li dan huwa kaz fejn il-Pulizija deliberatament iddikjaraw il-falz fil-bail book tieghu, sabiex hu jitlef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

13. Ghaldaqstant, din il-Qorti hija sodisfatta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat ma osservax wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, billi ma kienx qed imur jirraporta kuljum l-Ghassa kif kien obbligat li jaghmel.

14. Id-difiza ezebiet sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tas-6 ta' Ottubru 2021, fejn l-imputat instab hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ghal diversi reati kommessi fit-12 ta' Lulju 2021, fit-18 u fid-19 ta'Awwissu 2021, u fis-27 u fit-28 ta' Awwissu 2021, fid-29 ta' Awwissu 2021, fit-30 ta' Awwissu 2021 u fit-2 ta' Settembru 2021 kif ukoll *inter alia* li kiser il-kundizzjonijiet mad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lilu f'dawn il-proceduri. Din il-Qorti ikkundannat lill-impuat ghal piena ta' prigunerija, u *inter alia* irrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest moghti minn din il-Qorti f'dawn il-proceduri fl-24 ta' Mejju 2021, minghajr ma ordnat lit-terz garanti jhallas in toto jew in parte il-garanzija ta' ghaxart t'elef Euro (€10,000) imposta fuqu.

15. Ovvjament, f'dawk il-proceduri, l-imputat instab hati li kiser il-kundizzjoni numru erba' (4) tal-helsien mill-arrest, u cioe li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li ikun mehlus mill-arrest. Il-mertu tar-rikors odjern, u cioe li l-imputat ma irraportax l-Ghassa tal-Pulizija, kif kien obbligat li jaghmel skond klawsola hamsa (5) tad-digriet ma kienux jiffurmaw il-mertu ta' dawk il-proceduri.

16. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tordna il-konfiska ta' parti biss mill-garanzija tat-terz garanti stabbilita fid-digriet.

**Konkluzjoni**

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-Prosekuzzjoni tat-30 ta' Lulju 2021 billi:

    1. wara li rat l-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati li kiser il-kundizzjoni numru hamsa (5) fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti minn din il-Qorti kif preseduta fl-24 ta' Mejju 2021.

    2. Ghal kull buon fini, il-Qorti qed tikkonferma ir-revoka ta' dan id-digriet, u l-ordni ta' l-arrest mill-gdid tal-hati, diga ordnati bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-6 t'Ottubru 2021.

    3. Il-Qorti tordna lit-terz garanti Emanuela Camilleri thallas lill-Gvern ta' Malta s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) – rapprezentanti parti minn somma akbar li obbligat ruhha li thallas jekk l-imputat jikser wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet tad-digriet imsemmi. Jekk Emanuela Camilleri tonqos li thallas dan l-ammont, jew kull bilanc minnu dovut, jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**